

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 171/2013

tat-8 ta' Ottubru 2013

li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/783/UE tat-13 ta' Diċembru 2012 dwar ir-rikonoxximent tar-Renju Ħaxemita tal-Ġordan skont id-Direttiva 2008/106/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mas-sistemi għat-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni tal-baħħara<sup>(1)</sup> għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (2) L-Anness XIII tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

## Artikolu 1

Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 56jp (id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/505/UE) tal-Anness XIII tal-Ftehim ŻEE:

"56jq. **32012 D 0783:** Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/783/UE tat-13 ta' Diċembru 2012 dwar ir-rikonoxximent tar-Renju Ħaxemita tal-Ġordan

skont id-Direttiva 2008/106/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsil f'dak li għandu x'jaqsam mas-sistemi tat-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni tal-baħħara (ĠU L 347, 15.12.2012, p. 28)."

## Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/783/UE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

## Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-9 ta' Ottubru 2013, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (\*).

## Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Ottubru 2013.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Thórir IBSEN

<sup>(1)</sup> ĠU L 347, 15.12.2012, p. 28.

(\*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.